MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 539/2003

**Alexander Xerri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta, bin-numru ta' iskrizzjoni 762 tas-sena 1980 (Dok. "A"), taht il-kolonni "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" u "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm" hemm imnizzel erronjament il-kunjom "Xerri";

Illi mill-att tat-twelid ta' missier l-attur, numru ta' iskrizzjoni 10447 tas-sena 1947 (Dok. "B"); mill-att ta' twelid ta'

missier missier l-attur, Vittorio, numru ta' iskrizzjoni 4428 tas-sena 1919 (Dok. "C"); it-tnejn mahrugin mir-Registru Pubbliku ta' Malta u kif ukoll mill-karti ta' l-identita` ta' missier l-attur numru 1044747 M; ta' omm l-attur bin-numru 0185146 M; ta' hu missier l-attur, bin-numru 0921750 M u ta' oht missier l-attur, bin-numru 0568849 M (Dok. "D") jirrizulta li l-kunjom korrett ta' l-attur huwa "Scerri" u mhux "Xerri."

Illi ghalhekk l-istess attur jghid lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex:-

(1) tiddikjara li jezisti zball fuq l-att tat-twelid ta' l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numri ta' iskrizzjoni 762 tas-sena 1980 (Dok. "A") billi taht il-kolonni "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" u "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm", il-kelma u l-kunjom "Xerri" kellu jaqra "Scerri."

(2) Tawtorizza li ssir il-korrezzjoni fuq l-att tat-twelid ta' l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 762 tas-sena 1980 (Dok. "A") billi that il-kolonni "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" u "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm", il-kelma u l-kunjom "Xerri" jigi mnehhi u sostitwit bil-kelma u l-kunjom "Scerri."

Bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine* li huwa minn issa ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda li ghamel l-attur u d-dokumenti (a fol. 4).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-12 ta' Settembru 2003 fejn gie eccepit:-

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-12 ta' Settembru 2003 u l-lista tax-xhieda (a fol. 19).

Rat in-nota ta' l-attur Alexander Xerri datata 22 ta' Settembru 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavits ta' Marilyn Borg, ta' George Scerri u dak tieghu stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur, numru 762/1980 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt il-kunjom ta' missieru, dak ta' missier missieru, dak ta' ommu, ta' hu missier l-attur u oht missier l-attur huwa indikat bhala "Scerri" u mhux bhala "Xerri" kif erronjament indikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur, fis-sens illi minfolk il-kunjom korrett "Scerri" gie ndikat il-kunjom zbaljat ta' "Xerri" ikkonfermat mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur li jgib in-numru 10447/47 esebit bhala Dok. "B" a fol. 6 tal-process.

Illi mill-provi jirrizulta li verament sar zball fic-certifikat ta' l-attur, u apparti li dawn il-provi mhux kontradetti, jidher li l-premessi gew ippruvati lkoll u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. Tiddikjara li jezisti zball fuq l-att tat-twelid ta' l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numri ta' iskrizzjoni 762 tas-sena 1980 (Dok. "A") billi taht il-kolonni "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" u "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm", il-kelma u l-kunjom "Xerri" kellu jaqra "Scerri."

2. Tawtorizza li ssir il-korrezzjoni fuq l-att tat-twelid ta' l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 762 tas-sena 1980 (Dok. "A") billi that il-kolonni "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" u "Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm", il-kelma u l-kunjom "Xerri" jigi mnehhi u sostitwit bil-kelma u l-kunjom "Scerri."

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------